# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu,2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1735/98mm**

**F.A.M.A. (Supplies & Services) Limited**

**vs**

**Arcidiacono MFG Co Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ppresentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Settembru 1998, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' (Lm410.75c) erba mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu, dovuti mis-socjeta' konvenuta rappresentanti prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Awissu 1998 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:-

1. Illi in linea preliminari,l-azzjoni attrici tinsab preskritta bil-passagg ta' tmintax-il xahar mid-data tal-bejgh u konsenja tal-materjal, skond l-Artikolu 2148 sub-inciz (b) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' attrici hija debitrici tas-socjeta' konvenuta ghall-ammont ferm akbar minn dak mitlub minnha, liema ammont ghandu jigi kompensat ma kull ammont pretiz mis-socjeta' attrici.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari mqajjma mis-socjeta' konvenuta liema eccezzjoni tpoggi ostakolu ghall-azzjoni attrici bil-perkors ta' tmintax-il

xahar skond l-Artikolu 2148 sub-inciz (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Irrizulta mill-provi illi bejn iz-zewg socjetajiet kien hemm relazzjoni kummercjali fiducarja. Ir-rappresentanti taz-zewg socjetajiet kienu jafdaw lil xulxin u s-socjeta' konvenuta kienet tixtri supplies minghand is-socjeta' attrici. L-ahhar delivery skond l-istatement li esibiet l-istess socjeta' attrici kien 3 ta' Ottubru 1996, imbaghad saret ittra ufficjali fl-20 ta' Awissu 1998. Bejn dawn iz-zewg dati t-terminu msemmi fl-artikolu 2148 sub-inciz (b) ghadda favur is-socjeta' konvenuta, pero' hemm kontroversja bejn iz-zewg partijiet dwar jekk il-bejgh kienx bl-ingrossa jew bl-imnut u jekk kienx hemm xi rikonoxximent tad-debitu da parti tar-rappresentant tas-socjeta' konvenuta.

Rigward dik ta' l-ewwel, jidher mill-provi illi s-socjeta' konvenuta kienet qed tixtri oggetti ghal refurbishment tal-fabbrika taghha. Dana wkoll kien maghruf mir-rappresentant tas-socjeta' attrici.Tant hu hekk li a fol 16 tal-process jirrikonoxxi illi parti mis-supplies bhal electrical fittings u affarijiet simili kienu qed imorru ghax-showroom il-gdid tas-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta esibit l-invoices kollha illi hija kellha in konnessjoni ma' din it-talba tas-socjeta' attrici liema nvoices li jibdew a fol 36 tal-process, jaqblu perfettament mal-istatement li gie esibit mis-socjeta' attrici a fol 20. Dawn l-invoices fihom id-deskrizzjoni tal-oggett mixtri u dawna jidhru illi huma kollha oggetti illi marru ghar-refurbishment tal-fabbrika, bhal cables, switches, tank ta' l-ilma, cable clips, utility knives, zebgha u

affarijiet simili. Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi l-bejgh illi sar bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta kienet wahda bl-imnut u mhux bl-ingrossa, dana minkejja illi s-socjeta' attrici kienet taghti prezzijiet specjali lis-socjeta' konvenuta liema prezzijiet skond ir-rappresentant tal-istess socjeta', kienu aktar jirriflettu prezzijiet bl-ingrossa milli dawk bl-imnut. Ma dan kollu, jibqa' l-fatt illi l-uzu li sar b'dawn l-oggetti illi gew mixtrija minghand is-socjeta' attrici ma kienx "on a wholesale basis" biex jergghu jinbieghu darb'ohra, imma biex jigu wzati direttament mis-socjeta' konvenuta ghall-fabbrika taghha.

Ghal dak li jirrigwarda r-rikonoxximent, is-socjeta' attrici qieghdha torbot it-tezi taghha fuq il-kuntatti illi saru bejn l-avukat Dr Anthony Farrugia u s-Sur Arcidiacono fejn skond ix-xhieda ta' Dr Farrugia dak ta' l-ahhar kien qallu biex ma jinkwieta xejn ghax kien ser ihallas xi flus biex jaqta' d-debitu dovut lilhom. Minkejja dawn il-weghdiet tas-Sur Arcidiacono dawn il-pagamenti qatt ma gew.

Jidher illi Dr Farrugia kien jibghat messaggi mat-tifel tal-konvenut sabiex isiru xi pagamenti, izda meta darba minnhom iltaqa' mal-konvenut f'xi riceviment dana kien qallu li kien qed jippretendi illi kien ghamel xi hlasijiet zejda inkonnessjoni mal-kumpanija "Dolphin Do It Yourself Center" u qal illi dawk il-hlasijiet kellhom jigu pacuti ma' l-ammont illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta' konvenuta. Dr Farrugia ma accettax dan is-suggeriment izda jidher illi kull meta kien hemm kuntatti ohra bejniethom, is-Sur Arcidiacono baqa' jinsisti illi ssir din it-tpacija. Dan is-suggeriment tat-tpacija gie konfermat mill-

konvenut fix-xhieda tieghu a fol 30 tal-process. Il-bqija tax-xhieda tieghu hija ddedikata ghall-uzu illi sar mill-oggetti li nxtraw mis-socjeta' konvenuta. Jibqa' l-fatt pero' li minn imkien ma jirrizulta illi f'dak l-istadju s-socjeta' konvenuta jew ir-rappresentant taghha rrikonnoxxiet illi kellha taghti xi flus lis-socjeta' attrici.

Il-Qorti ta' l-Appell f'sentenza moghtija fit-2 ta' Gunju 2000 fl-ismijiet Silvio Frendo et vs Andrew Faenza qalet illi rikonoxximent ta' debitu kellu jkun car u inekwivoku ghar-ragunijiet ta' interruzzjoni. L-istess fil-kawza Carmelo Micallef vs Brigadier John Bell McChanse noe (Vol XXXV pI pg 1101) fejn il-Qorti qalet "ir-rinunzja ghal preskrizzjoni ghandha tigi pruvata b'mod car u konkludenti u ma tistax tigi ammessa meta hija bazata fuq atti u fatti li ma humiex univoci u jistghu jaghtu lok ghal interpretazzjonijiet diversi".

Mill-provi prodotti ma jistax jinghad illi sar xi rikonoxximent illi huwa car u konkludenti. Hemm biss ix-xhieda ta' Dr Farrugia fejn tghid illi darba minnhom kien iltaqa' mar-rappresentant tas-socjeta' konvenuta Renato Arcidiacono u dana kien qallu illi kien ser ihallas, pero' sussegwentement jidher illi hemm xi ripensament peress illi s-sur Arcidiacono baqa' jinsisti illi ma kien hemm xejn dovut peress illi hu kien hallas zejjed fuq xi kumpanija ohra, liema pagamenti kellhom imorru favur tieghu. Jekk is-Sur Arcidiacono ghandhux ragun jew le hija kwistjoni ohra. Il-kwistjoni li qieghdha tindaga l-Qorti f'dan l-istadju hija jekk dana ghandux jitqies bhala rikonoxximent tad-debitu jew le. Il-Qorti ma jidhirliex illi fl-isfond tat-taghlim fuq enuncjat dan id-

diskors tas-Sur Arcidiacono jista jitqies bhala rikonoxximent tad-debitu, anzi s-sur Arcidiacono qieghed ighid illi ma ghandu jaghti xejn peress illi huwa diga hallas zejjed fuq kont u dehrlu illi dawk il-flus zejda kellhom imorru favur is-socjeta' tieghu u jinqata d-debitu li ghandha mas-socjeta' attrici. Ghalhekk ma hemm xejn car u konkludenti fix-xhieda illi giet prodotta quddiem din il-Qorti, u jibqa' l-fatt illi la ma kienx hemm dan ir-rikonoxximent il-Qorti trid taqa' l-kawza fuq il-perjodu preskrittiv "sic et simpliciter".

Bhal ma diga inghad, peress illi rrizulta illi l-affarijiet illi nxtraw kienu ghar-refurbi shment tal-fabbrika u ghalhekk m'ghandhomx jitqiesu li nxtraw bl-ingrossa, t-terminu preskrittiv huwa dak ta' tmintax-il xahar liema perjodu ghadda favur is-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 sub-inciz(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit

Dep Reg